

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1864

tal-24 ta' Ottubru 2019

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-6 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ("GATT") tal-1994 dwar kumpens adegwat wara d-deċiżjoni tal-Iżvizzera li timmodifika l-konċessjoni tariffarja fl-Iskeda LIX – L-Iżvizzera - Il-Liechtenstein għal "laħam imħawwar mhux ippreparat mod ieħor".
- (2) In-negozjati ġew konklużi u Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie inizjalat fis-17 ta' Lulju 2019.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna esklużivament il-politika kummerċjali tal-Unjoni u timplimenta ftehim wara n-negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi (1).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

(1) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
A.-K. PEKONEN

---